**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 200/18AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

> Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (1995) (Ara Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.
>
> Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Rachel Busuttil mit-18 ta Settembru 2015 (ins: 18679/2015) . illi pero kienu ilhom separati de facto mill-1 t' Ottubru 2008 (Ara klawzola (iv) tal-kuntratt ta separazzjoni Dok B anness.)
>
> Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom l-fuq minn tmien

(8) snien mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabiet ma' persuni ohrajn/familja godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut minhabba il-fatt illi ma hemmx tfal u in oltre l-partijiet iddekadew definittivament ghal kull jedd taghhom li jitolbu u/jew jircievu mantneiment minghand xulxin u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara klawsola 4 tal-kuntratt ta separazzjoni  Dok B anness.)

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (1995) bejn il-partijiet ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April 2018;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Settembru 2015, izda ilhom de facto separati mill-1 ta' Ottubru 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.